



# Il-Papa Franġisku

**miktuba minn Maria Grima**

Bil-Kelmiet 'Habemus Papam',
Ġiet l-aħbar ta' Papa ġdid
Biex imexxi l-Knisja Mqaddsa
Kif il-Mulej Alla jrid.

Lil Jorge Mario Bergolio
Alla għażlu biex ikun
Il-mexxej tal-Poplu Tiegħu
U f'idejh Hu tah it-tmun.

Tah it-tmun ta' dik id-dgħajsa
Li l-Mulej iħobb bis-sħiħ,
Tah l-Ispirtu Mqaddes Tiegħu
Għerf u żelu xeħet fih.

Jorge Mario għażel l-isem,
Bħal t'Assisi l-Qaddis kbir,
Li biex jgħix bħal Ġesù Kristu
Dejjem kien, umli u fqir!

W'hekk ukoll dal-Papa twajjeb
Ġo fih għandu l-umiltà,
Bħal Ġesù u bħal Franġisku
Jixtieq jgħix il-povertà.

It-tbissima ħelwa tiegħu
Hi xhieda ta' tjubija,
Kemm bi kliemu, kemm b'għemilu
Bis-sħiħ jixhed il-qdusija.

Dan il-Vigarju ta' Kristu
Wisq jagħti eżempji sbieħ
Biex lejn Alla l-poplu jiġbed
Ħalli d-dinja ġieħ tagħtih.

Għax l-imħabba li hu għandu
Għall-Feddej tagħna divin,
B'fidi kbira jrid juriha
U jaqsamha mal-bnedmin.

Kien għalhekk f'Ħamis ix-Xirka
Riġlejn ħasel il-ħabsin,
Biex jurihom illi huma
Ulied Alla maħbubin.

Li hu Papa tas-sorpriżi
Isejħulu n-nies qegħdin,
Għax tassew bl-imġieba tiegħu
Jissorprendi lill-bnedmin.

Jum wieħed lill-gwardja tiegħu
Bi tbissima mar staqsih
Jekk kienx ilu lejl bil-wieqfa
U pront siġġu mar jagħtih.

Wara ftit Papa Franġisku
Ħdejn il-gwardja reġa' mar,
Biċċa ħobż bil-ġamm newwillu
"Buon appetito" lilu qal.

Koppj'għarajjes illi kienu
Mill-Mulej sew imbegħdin
Rawh mill-qrib .... fis lejh inġibdu
U mill-ġdid ħaddnu t-twemmin.

"Buona Sera", qal lill-poplu
F'dak il-jum li Papa sar,
Bil-Missierna u bis-Sliema
B'devozzjoni jitlob mar.

U lill-poplu b'ħeġġa kbira
Talbu biex, jitlob għalih,
Sabiex f'dan iż-żmien imwiegħer
Il-Mulej għajnuna jtih.

Ħa jibni mill-ġdid il-knisja
F'dawn iż-żminijiet iebsin,
U jħeġġeġ id-dawl ta' Kristu
Fil-qlub ta' ħafna bnedmin.

Ejja lkoll bil-qalb nitolbu
Għal dal-Papa twajjeb ragħaj,
Biex b'tagħlimu u bl-eżempji
Jagħti xhieda t'Alla l-Ħaj!

U nitolbu l-Omm tas-Sema
Sabiex Hi tipproteġih
Taħt ħarsitha żgur iżżommu
W'imħabbitha Hi tagħtih.